Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9871 — Telefónica/Liberty Global/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 330/06)

1. Fit-30 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Telefónica S.A. ("Telefónica", Spanja),

— Liberty Global PLC ("Liberty Global", ir-Renju Unit),

— il-Joint Ventre ("JV", ir-Renju Unit).

Telefónica u Liberty Global jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' JV maħluqa ġdida, li tgħaqqad in-negozju UK Limited ta' Telefónica ("O2") u n-negozju Virgin Media ta' Liberty Global ("Virgin Media").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Telefónica: kumpanija globali tat-telekomunikazzjonijiet li tħaddem networks ta' komunikazzjoni fissi u tal-mobile. Hija toffri servizzi mobbli, ta' linja fissa, tal-internet u tat-televiżjoni taħt numru ta' ditti, inklużi Movistar, O2 u Vivo. Telefónica hija kkwotata fil-Borża ta' Madrid, ta' New York, ta' Lima u ta' Buenos Aires. In-negozju O2 ta' Telefónica huwa attiv fir-Renju Unit u joffri servizzi ta' telekomunikazzjonijiet bil-mobile bħal telefonati, SMS, MMS, internet mobbli, broadband mobbli, roaming, u servizzi ta' terminazzjoni tat-telefonati.

— Liberty Global: kumpanija internazzjonali tal-video, tal-broadband u tal-komunikazzjonijiet ikkwotata fil-Borża tan-NASDAQ, b'operazzjonijiet konsolidati fir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Belġju, il-Polonja u s-Slovakkja. In-negozju Virgin Media ta' Liberty Global huwa attiv fir-Renju Unit u l-attività prinċipali tiegħu hija l-forniment ta' servizzi ta' broadband b'linja fissa, telefonija u televiżjoni bi ħlas. Virgin Media tipprovdi wkoll servizzi ta' komunikazzjoni mobbli bħala MVNO taħt il-marka Virgin Mobile.

— il-JV: operatur ta' network tal-komunikazzjoni fissa u mobbli attiv fir-Renju Unit, li jgħaqqad in-negozju O2 ta' Telefónica u n-negozju Virgin Media ta' Liberty Global. Dan jinkludi wkoll l-interessi ta' O2 fil-joint vernture Tesco Mobile, li hija attiva bħala operatur ta' network virtwali mobbli ("MVNO") fir-Renju Unit, u l-joint venture CTIL ta' qsim tan-network mobbli ma' Vodafone.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9871 — Telefónica/Liberty Global/JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË